



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

12727/22

LIMITE

CORLX 834
CFSP/PESC 1219
CSDP/PSDC 598
EUCAP MALI 24
COAFR 245
RELEX 1274
CONUN 225
CSC 425

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali
(EUCAP Sahel Mali)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' April 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali)¹.
- (2) Fis-7 ta' Jannar 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/14², li testendi l-EUCAP Sahel Mali sal-31 ta' Jannar 2023 u emendat il-mandat tagħha.
- (3) Fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku Olistiku tal-EUTM Mali u l-EUCAP Sahel Mali, fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-EUCAP Sahel Mali tiġi estiża sal-31 ta' Jannar 2025 u, fit-30 ta' Ġunju 2022, li l-mandat tagħha jiġi aġġustat għas-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà f'Mali.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/219/PESK tiġi emendata skont dan.
- (5) EUCAP Sahel Mali ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/14 tas-7 ta' Jannar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 5, 8.1.2021, p. 16).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/219/PESK hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) jiġi ffaċilitat l-istazzjonament mill-ġdid tal-ISF lejn iċ-ċentru ta' Mali, jekk il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jiddeċiedi li l-kondizzjonijiet ġew sodisfatti, u jiġi ffaċilitat l-istazzjonament tal-ISF fin-Nofsinhar tal-Mali, b'enfasi fuq il-Pulizija Nazzjonali; u";

(b) jiddaħħal paragrafu ġdid:

"2a. EUCAP Sahel Mali għandha tappoġġa l-isforzi għal komunikazzjoni strateġika biex trawwem il-valuri tal-Unjoni u tikkonferma l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali minn forzi barranin f'Mali.";

(2) fl-Artikolu 14(1), jinżied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUCAP Sahel Mali bejn l-1 ta' Frar 2023 u l-31 ta' Jannar 2025 għandu jkun ta' EUR 73 196 375,74.";

(3) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1a. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lill-Aġenziji tal-Unjoni tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, b'mod partikolari l-FRONTEx u l-INTERPOL, informazzjoni klassifikata tal-UE, inkluż dokumenti, iġġenerata għall-finijiet tal-EUCAP Sahel Mali sal-livell rilevanti ta' klassifikazzjoni għal kull waħda minnhom rispettivament, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. Għandhom jitfasslu arranġamenti tekniċi għal dak l-għan.";

(4) fl-Artikolu 18, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2025.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
